EBA/GL/2022/08

30/06/2022

# Linji gwida

## dwar l-eżerċizzji tal-ġbir tad-*data* fir-rigward tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva (UE) 2019/2034

# Obbligi ta' konformità u rapportar

## L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-UE għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, jenħtieġ jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta l-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet finanzjarji.

## Obbligi ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 05.12.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/08". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrappurtat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

1. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw, f’konformità mal-Artikolu 75(3) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE u l-Artikolu 34(4) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE 2014/59/UE u 2014/65/UE, kif dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati fir-rigward tal-ġbir ta’ informazzjoni dwar l-individwi għal kull istituzzjoni u għal kull ditta tal-investiment imħallsa EUR 1 miljun jew aktar għal kull sena finanzjarja, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza tal-informazzjoni sottomessa mill-istituzzjonijiet u mid-ditti tal-investiment lill-awtoritajiet kompetenti u mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA.

## Kamp ta’ applikazzjoni

2. Dawn il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru mingħand l-istituzzjonijiet u d-ditti tal-investiment fir-rigward tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin u jissottomettu lill-EBA għall-finijiet tal-pubblikazzjoni ta’ dik l-informazzjoni fuq bażi aggregata tal-Istat Membru domiċiljari f’format komuni ta’ rapportar.

3. Meta l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta’ Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment japplikaw dawn il-linji gwida f’konformità mal-paragrafi 12 u 15 fil-livell konsolidat.

4. Meta l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 575/2013 u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/2033 ma japplikawx, dawn il-linji gwida japplikaw fuq bażi individwali kif stabbilit fl-Artikoli 6 sa 10 tar-Regolament (UE) 575/2013 u fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) 2019/2033.

## Destinatarji

5. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 4(2), il-punti (i) u (viii) tar-Regolament Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010 li huma istituzzjonijiet kif iddefiniti fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013, wara li jiġu kkunsidrati d-ditti tal-investiment

soġġetti għall-Artikoli 1(2) jew (5) tar-Regolament (UE) 2019/2033 (kull referenza għall-istituzzjonijiet għandha tinftiehem bħala li tinkludi tali ditti tal-investiment), u għad-ditti tal-investiment kif iddefiniti fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 ("ditti tal-investiment"), (kollettivament imsejħa "ditti").

## Definizzjonijiet

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) 575/2013 u fid-Direttiva (UE) 2019/2034 u fir-Regolament (UE) 2019/2033 kif ukoll il-linji gwida tal-EBA dwar politiki ta' remunerazzjoni sodi skont id-Direttiva 2013/36/UE[2], fejn id-definizzjoni tirreferi għall-istituzzjonijiet, u skont il-linji gwida tal-EBA dwar politiki ta' remunerazzjoni sodi skont id-Direttiva (UE) 2019/2034[3], fejn id-definizzjoni tirreferi għal ditti tal-investiment, għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

7. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Persuna/persuni li taqla'/jaqilgħu pagi għoljin | tfisser membru/membri tal-persunal li għandu remunerazzjoni ta' mill-inqas EUR 1 miljun fis-sena finanzjarja rappurtata. |
| Ditta | tfisser l-istituzzjonijiet, id-ditti tal-investiment, il-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiżi terzi u l-fergħat kollha ta' ditti tal-investiment ta' pajjiżi terzi li għalihom għandha tinġabar id-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin. |
| Kategorija ta' pagamenti | tfisser il-firxa tal-ammont tar-remunerazzjoni grossa totali annwali ta' persuni li taqla' paga għolja, li hija ddefinita fi stadji ta' EUR 1 miljun u tibda b'EUR 1 miljun. |

# Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

8. Il-Linji Gwida japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2022 għad-*data* li trid tinġabar fl-2023 għas-sena finanzjarja 2022 biex jiġi żgurat ġbir kontinwu annwali tad-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin skont id-Direttiva 2013/36/UE u b'mod parallel il-ġbir ta' *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin skont id-Direttiva (UE) 2019/2034.

[2] Il-Linji Gwida huma ppubblikati taħt: https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/remuneration/guidelines-on-sound-remuneration-policies

[3] Il-Linji Gwida huma ppubblikati taħt: https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/investment-firms/guidelines-remuneration-policies-investment-firms

## Arranġamenti tranżitorji

9. Id-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin għas-sena finanzjarja li tintemm fl-2022 għandha tiġi sottomessa mid-ditti lill-awtoritajiet kompetenti sal-31 ta' Awwissu 2023 u mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA sal-31 ta' Ottubru 2023.

## Tħassir

10. Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-eżerċizzju tal-ġbir tad-*data* fir-rigward tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin (EBA/GL/2014/07) mis-16 ta' Lulju 2014 huma mħassra b'effett mill-31 ta' Diċembru 2022.

11. Ir-referenzi f'Linji Gwida oħrajn tal-EBA għal-Linji Gwida mħassra mill-paragrafu 10 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dawn il-linji gwida.

# Il-linji gwida dwar l-eżerċizzji tal-ġbir tad-*data* fir-rigward tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin skont id-Direttiva 2013/36/UE u skont id-Direttiva (UE) 2019/2034

## 1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzji tal-ġbir tad-*data*

### 1.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet li huma soġġetti għall-ġbir tad-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin skont id-Direttiva 2013/36/UE

12. Meta japplikaw il-linji gwida fil-livell konsolidat f'konformità mal-paragrafu 3, l-istituzzjoni omm tal-UE, il-kumpanija azzjonarja finanzjarja omm tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta omm tal-UE, inkluża d-ditta ta' investiment omm tal-UE, kumpanija azzjonarja ta' investiment omm tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta omm tal-UE, b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033, għandha tissottometti lis-superviżur konsolidat id-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin kif stabbilit fit-Taqsima 2 għall-entitajiet kollha tal-grupp li huma soġġetti għal konsolidazzjoni prudenzjali.

13. L-istituzzjonijiet individwali, inklużi d-ditti tal-investiment wara li jitqies l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033, li ma humiex fi ħdan il-konsolidazzjoni f'konformità mal-paragrafu

3, għandhom jissottomettu lill-awtorità kompetenti d-*data* tagħhom dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin kif stabbilit fit-Taqsima 2 fuq bażi individwali.

14. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fergħat ta' istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom jissottomettulhom id-*data* tagħhom dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin kif stabbilit fit-Taqsima 2.

## 1.2 Il-kamp ta' applikazzjoni tad-ditti tal-investiment li huma soġġetti għall-ġbir tad-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin skont id-Direttiva (UE) 2019/2034

15. Meta tapplika l-linji gwida fil-livell konsolidat f'konformità mal-paragrafu 3, id-ditta ta' investiment omm tal-UE, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment omm tal-UE, jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta omm tal-UE għandha tissottometti lis-superviżur tal-konsolidazzjoni d-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin kif stabbilit fit-Taqsima 2 għall-entitajiet kollha tal-grupp tad-ditti tal-investiment li huma soġġetti għal konsolidazzjoni prudenzjali.

16. Ditta ta' investiment individwali li ma taqax fil-kamp ta applikazzjoni tal-konsolidazzjoni f'konformità mal-paragrafu 3, għandha tippreżenta lill-awtorità kompetenti d-*data* tagħha dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin kif stabbilit fit-Taqsima 2 fuq bażi individwali.

17. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fergħat ta' ditti tal-investiment ta' pajjiżi terzi stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom jissottomettulhom id-*data* tagħhom dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin kif stabbilit fit-Taqsima 2.

# 2. Speċifikazzjonijiet proċedurali għad-ditti

18. Għandha tiġi sottomessa *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin (ara wkoll l-Anness IV) lill-awtorità kompetenti kull sena għal kwalunkwe sena finanzjarja partikolari (is-"sena rappurtata") sal-15 ta' Ġunju tas-sena kalendarja li jmiss, minn:

    a. l-istituzzjonijiet imsemmija fis-Sottotaqsima 1.1, bl-użu tal-mudell għall-ġbir tad-*data* speċifikat taħt:

        i. l-Anness I għal persuni li jaqilgħu pagi għoljin li huma persunal tal-istituzzjonijiet u ta' entitajiet oħrajn fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni;

        ii. l-Anness II għal persuni li jaqilgħu pagi għoljin li huma persunal f'ditti tal-investiment soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034;

    b. id-ditti tal-investiment imsemmija fis-Sottotaqsima 1.2, bl-użu tal-mudell għall-ġbir tad-*data* speċifikat fl-Anness II.

19. Is-sottomissjoni tad-*data* msemmija fil-paragrafu 18(a) għandha tinkludi l-persuni li jaqilgħu pagi għoljin kollha fl-Anness I, u fl-Anness II, il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin biss speċifikati taħt (ii) tal-paragrafu 18(a), inkluż fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

    a. Id-ditta tal-investiment hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni skont id-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi konsolidata, wara l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni nazzjonali skont l-Artikolu 109(6) ta' dik id-Direttiva.

    b. Il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin ingħataw il-mandat li jwettqu attivitajiet professjonali fil-każijiet inklużi taħt l-Artikolu 109(5)(a) u b) ta' dik id-Direttiva.

20. Għandha tiġi sottomessa *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin lill-awtoritajiet kompetenti u mbagħad lill-EBA biss wara li d-ditti u l-awtoritajiet kompetenti jkunu żguraw il-kompletezza u l-korrettezza tad-*data*, f'konformità mal-istruzzjonijiet tekniċi pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti u f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ġenerali u tal-kwalità tad-*data* stabbiliti fit-Taqsimiet 3 u 9 u l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali stabbiliti fit-Taqsimiet 4 u 5.

21. Meta d-ditti ma jkollhomx persuni li jaqilgħu pagi għoljin x'jirrapportaw, ma huwiex meħtieġ li din l-informazzjoni tiġi sottomessa, sakemm ma jkunx meħtieġ espliċitament mill-awtorità kompetenti.

# 3. Speċifikazzjonijiet ġenerali rigward il-ġbir ta' *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin

22. Id-ditti għandhom jissottomettu *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin għal kull Stat Membru fejn jinsabu persuni li jaqilgħu pagi għoljin u għal kull kategorija ta' pagament ta' EUR 1 miljun (eż. EUR 1 miljun sa inqas minn EUR 2 miljun; EUR 2 miljun sa inqas minn EUR 3 miljun, eċċ.). Kull persuna li taqla' paga għolja għandha tiġi allokata għall-kategorija ta' pagamenti abbażi tar-remunerazzjoni totali tal-membru tal-persunal mogħtija għas-sena finanzjarja.

23. Id-ditti għandhom jibagħtu l-informazzjoni meħtieġa bl-użu taċ-ċifri finanzjarji ta' tmiem is-sena ddenominati f'euro. L-ammonti għandhom jiġu rrappurtati bħala ammonti sħaħ, jiġifieri mhux bħala ammonti arrotondati (eż. EUR 1 234 567.00 minflok EUR 1.2 miljun).

24. Il-persunal kollu li qala' EUR 1 miljun jew aktar għas-sena finanzjarja għandu jiġi rrappurtat, anke jekk il-membru tal-persunal ikun telaq mid-ditta qabel tmiem is-sena finanzjarja jew jekk l-ammont ta' EUR 1 miljun jintlaħaq biss minħabba l-għoti ta' remunerazzjoni varjabbli garantita jew pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg.

25. Meta d-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin tiġi rrappurtata minn ditti li jiżvelaw ċifri finanzjarji f'munita oħra għajr l-euro, ir-rata tal-kambju użata mill-Kummissjoni għall-ippjanar finanzjarju u l-baġit għal Diċembru tas-sena rappurtata għandhom jintużaw għall-konverżjoni taċ-ċifri li għandhom jiġu rrappurtati.

26. L-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin għandu jiġi rrappurtat bħala l-għadd ta' persuni fiżiċi (in-numru ta' ħaddiema), indipendentement mill-għadd ta' sigħat tax-xogħol li fuqhom huwa bbażat il-kuntratt tagħhom. Għall-persuni li jaqilgħu pagi għoljin, għandhom jiġu rrappurtati r-remunerazzjoni mogħtija f'euro, l-elementi ta' remunerazzjoni, l-Istat Membru, il-funzjoni jew il-qasam tan-negozju u r-responsabbiltà.

27. L-għadd ta' individwi fir-ringiela "għadd ta' individwi f'funzjonijiet ta' kontroll" għandu jinkludi l-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin f'funzjonijiet ta' kontroll fi ħdan l-unitajiet kummerċjali u l-konformità indipendenti, il-kontroll tar-riskju u l-funzjoni tal-awditjar intern.

28. Il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin għandhom jiġu kklassifikati taħt l-Istat Membru, il-funzjoni jew il-qasam tan-negozju u r-responsabbiltà fejn huma jwettqu l-parti ewlenija tal-attivitajiet ta' negozju tagħhom. L-ammont sħiħ ta' remunerazzjoni mogħti lill-persuna rilevanti li taqla' paga għolja fi ħdan il-grupp jew id-ditta li tirrapporta għandu jiġi rrapportat taħt dan l-Istat Membru, il-funzjoni jew il-qasam tan-negozju u r-responsabbiltà. Jekk żewġ oqsma jew aktar għal persuna li taqla' paga għolja jkollhom l-istess piż, id-ditta għandha talloka l-persuna li taqla' paga għolja u r-remunerazzjoni tagħha billi tqis l-allokazzjoni ta' persuni oħrajn li jaqilgħu pagi għoljin, sabiex b'hekk ir-rapport ikun jirrifletti bl-aħjar mod id-distribuzzjoni tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin fid-ditta.

29. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin u l-elementi speċifiċi ta' remunerazzjoni varjabbli għall-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin, irrispettivament minn jekk il-persuna li taqla' paga għolja hijiex identifikata bħala persunal jew le. L-istess għandu japplika għal persuni li jaqilgħu pagi għoljin inklużi fl-Anness I li huma soġġetti għal qafas ta' remunerazzjoni speċifiku f'konformità mal-Artikolu 109(4) tad-Direttiva 2013/36/UE u huma rrappurtati wkoll fl-Anness II, fejn ir-remunerazzjoni mogħtija fi "strumenti mhux fi flus li jirriflettu l-istrumenti tal-portafolli ġestiti" jew ir-remunerazzjoni mogħtija skont "arranġamenti alternattivi approvati" għandha tiġi allokata lil "strumenti oħrajn" fl-Anness I.

30. Persuni li jaqilgħu pagi għoljin li jwettqu attivitajiet professjonali kemm fl-UE kif ukoll barra minnha għandhom jiġu kklassifikati taħt Stat Membru biss jekk iwettqu l-parti prinċipali tal-attivitajiet professjonali tagħhom fl-UE. Inkella, il-membru tal-persunal ma għandux jiġi rrappurtat bħala persuna li taqla' paga għolja.

31. L-allokazzjoni tar-remunerazzjoni għall-parti fissa u varjabbli tar-remunerazzjoni għandha ssir, kif applikabbli, skont it-Taqsima 7 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki ta' remunerazzjoni sodi skont id-Direttiva 2013/36/UE u t-Taqsima 7 skont il-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki ta' remunerazzjoni sodi skont id-Direttiva (UE) 2019/2034.

32. L-entrati mhux monetarji ta' remunerazzjoni għandhom jiġu rrappurtati bl-ekwivalenti monetarju tagħhom (eż. l-ammont intaxxat) u jiġu inklużi bħala "forom oħrajn" ta' remunerazzjoni.

33. Il-pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg, ir-remunerazzjoni varjabbli garantita u l-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni għandhom jiġu inklużi fir-remunerazzjoni varjabbli totali u għandhom jiġu pprovduti wkoll fil-parti tat-tabella li fiha informazzjoni addizzjonali.

34. Għall-eżerċizzju tal-ġbir tad-*data* għall-persuni li jaqilgħu pagi għoljin, il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin għandhom jiġu rrappurtati bħala persunal "identifikat" jekk jiġu ttrattati minn ditti bħala "persunal identifikat" fil-livell konsolidat jew fil-livell individwali, meta jitqiesu dawn li ġejjin:

    a. fl-Anness I,

        i. il-persunal identifikat għandu jinkludi l-persunal identifikat tal-istituzzjoni li tissottometti d-*data* u fis-sussidjarji tagħha li huwa soġġett għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni skont l-Artikoli 92 u 94 tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi individwali jew konsolidata; u

        ii. persunal f'sussidjarji li huma soġġetti għal qafas ta' remunerazzjoni speċifiku f'konformità mal-Artikolu 109(4) tad-Direttiva 2013/36/UE, iżda li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni skont l-Artikoli 92 u 94 ta' dik id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 109(5) jew 109(6) ta' dik id-Direttiva;

    b. fl-Anness II,

        i. il-persunal identifikat għandu jinkludi l-persunal identifikat ta' ditti tal-investiment li huma soġġetti għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni skont l-Artikoli 30 u 32 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 fuq bażi individwali; u

        ii. meta r-rekwiżiti fl-Artikoli 30 u 32 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 japplikaw fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/2033, il-membri tal-persunal f'sussidjarji li huma stess ma humiex soġġetti għall-Artikoli 30 u 32 ta' dik id-Direttiva li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment jew fuq l-assi li timmaniġġja fuq bażi konsolidata.

# 4. Speċifikazzjonijiet addizzjonali rigward il-ġbir ta' *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin bl-Anness I

35. Għall-allokazzjoni ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin għal funzjonijiet jew għal oqsma tan-negozju fl-Anness I, id-ditti għandhom jikkunsidraw l-organizzazzjoni interna tagħhom u dawn li ġejjin:

    a. Il-membri tal-korp maniġerjali, inklużi l-membri tal-korp maniġerjali tas-sussidjarji, iżda esklużi l-membri tal-korp maniġerjali tad-ditti tal-investiment li huma soġġetti

għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, għandhom jiġu allokati, kif applikabbli, għall-kolonna "korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu" jew "korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu" indipendentement mill-mudell tan-negozju tad-ditta.

   i. "Funzjoni superviżorja tal-korp maniġerjali (MB)", huma l-membri tal-korp maniġerjali fir-rwol tas-sorveljanza u l-monitoraġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali (jiġifieri diretturi mhux eżekuttivi).

   ii. "Funzjoni ta' ġestjoni tal-korp maniġerjali (MB)", huma l-membri tal-korp maniġerjali, li huma responsabbli mill-funzjonijiet maniġerjali tiegħu (jiġifieri d-diretturi eżekuttivi).

b. "Bank tal-investiment" għandha tinkludi l-finanzjament korporattiv, in-negozjar u l-bejgħ kif iddefinit fl-Artikolu 317, it-Tabella 2 tar-Regolament (UE) 575/2013, it-tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif iddefiniti fl-Artikolu 192(3) tar-Regolament (UE) 575/2013 u l-ekwità privata.

c. "Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur" għandha tinkludi l-attività ta' self totali tal-istituzzjonijiet (lil individwi u intrapriżi).

d. "Ġestjoni tal-assi" fl-Anness I għandha tinkludi l-ġestjoni tal-assi fi ħdan:

   i. l-istituzzjoni;

   ii. sussidjarji li huma istituzzjonijiet; u

   iii. sussidjarji li huma impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi u ditti tal-investiment li ma humiex soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

e. "Funzjonijiet korporattivi" għandha tinkludi persunal fil-funzjonijiet kollha li huma responsabbli mill-istituzzjoni kollha fil-livell konsolidat u għal sussidjarji b'tali funzjonijiet fil-livell individwali, eż. riżorsi umani, teknoloġija tal-informazzjoni.

f. "Funzjonijiet ta' kontroll indipendenti" għandha tinkludi biss persunal attiv fil-funzjonijiet indipendenti tal-ġestjoni tar-riskju, tal-konformità u tal-awditjar intern kif deskritt fit-Taqsima 19 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna skont id-Direttiva 2013/36/UE.

g. "Il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin f'sussidjarji li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034" għandha tinkludi l-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin u r-remunerazzjoni tagħhom li għandha tiġi inkluża fl-Anness II.

h. "Il-persuni l-oħrajn kollha li jaqilgħu pagi għoljin" għandha tinkludi persunal li ma jistax jiġi allokat għal waħda mill-funzjonijiet jew oqsma tan-negozju taħt (a) sa (g).

# 5. Speċifikazzjonijiet addizzjonali rigward il-ġbir ta' *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin mal-Anness II

36. Għall-allokazzjoni tal-persunal għal funzjonijiet jew oqsma ta' negozju fl-Anness II, id-ditti għandhom jikkunsidraw l-ispeċifikazzjonijiet fil-paragrafi 18 u 19, l-organizzazzjoni interna tagħhom u dan li ġej:

   a. "Membri tal-korp maniġerjali, inklużi membri tal-korp maniġerjali ta' sussidjarji fejn id-ditta ta' investiment omm tal-UE, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment omm tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta omm tal-UE jissottomettu*data* għal grupp ta' ditti tal-investiment, għandhom jiġu rrappurtati, kif applikabbli, taħt il-kolonna "korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu" jew "korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu" indipendentement mill-mudell tan-negozju tad-ditta.

   b. "Negozjar f'isimhom stess, sottoskrizzjoni u tqegħid ta' strumenti" għandha tinkludi s-servizzi u l-attivitajiet skont il-punti (3), (6) u (7) tal-Anness I, it-Taqsima A tad-Direttiva (UE) 2014/65[4].

   c. "Konsulenza dwar l-investiment, l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet" għandha tinkludi s-servizzi u l-attivitajiet skont il-punti (1), (2) u (5) tal-Anness I, it-Taqsima A tad-Direttiva (UE) 2014/65.

   d. "Immaniġġjar tal-portafoll" għandha tinkludi s-servizzi u l-attivitajiet skont il-punti (4) tal-Anness I, it-Taqsima A tad-Direttiva (UE) 2014/65 u l-immaniġġjar ta' portafolli f'sussidjarji tad-ditta tal-investiment li huma impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli u maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi.

   e. "Operazzjoni tal-MTF/OTF" għandha tinkludi s-servizzi u l-attivitajiet skont il-punti (8) u (9) tal-Anness I, it-Taqsima A tad-Direttiva (UE) 2014/65.

   f. "Funzjonijiet ta' kontroll indipendenti" għandha tinkludi biss persunal attiv fil-funzjonijiet indipendenti tal-ġestjoni tar-riskju, tal-konformità u tal-awditjar intern kif deskritt fit-Taqsima 17 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna skont id-Direttiva(EU) 2019/2034.

   g. "Il-persuni l-oħrajn kollha li jaqilgħu pagi għoljin" għandha tinkludi persuni li jaqilgħu pagi għoljin li ma jistgħux jiġu allokati għal waħda mill-funzjonijiet jew oqsma tan-negozju taħt (a) sa (f).

[4] Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE.

## 6. Ġbir tad-*data* mill-awtoritajiet kompetenti

37. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru d-*data* meħtieġa kull sena dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin, kif speċifikat fit-Taqsima 2 minn:

    a. L-istituzzjonijiet, kif applikabbli, fil-livell konsolidat jew individwali f'konformità mal-Anness I u, fejn applikabbli, l-Anness II bil-mod speċifikat f'dawn il-Linji Gwida.

    b. Ditti tal-investiment, kif applikabbli fil-livell konsolidat jew individwali f'konformità mal-Anness II u bil-mod speċifikat f'dawn il-Linji Gwida.

## 7. Aggregazzjoni ta' *data* mill-awtoritajiet kompetenti

38. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaggregaw id-*data* miġbura fi ħdan l-Istat Membru tagħhom minn ditti separatament għall-persuni li jaqilgħu pagi għoljin li ġew irrappurtati bl-Anness I u għall-persuni li jaqilgħu pagi għoljin li ġew irrappurtati bl-Anness II.

39. Il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin għandhom jiġu aggregati wkoll għal kull kategorija ta' pagamenti f'konformità mal-Artikolu 75(3) tar-Regolament (UE) 575/2013 u mal-Artikoli 34(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

40. Qabel l-aggregazzjoni tad-*data*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk ditti inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ġbir tad-*data* fis-Sottotaqsima 1.1 u 1.2 biss irrappurtawx id-*data*. Id-*data* sottomessa minn ditti oħrajn (eż. ditta tal-investiment żgħira u mhux interkonnessa) li għalihom ma japplikawx il-Linji Gwida, ma għandhiex titqies meta tiġi aggregata d-*data*.

41. Meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda, eż. waħda responsabbli mis-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet u oħra mid-ditti tal-investiment, fi Stat Membru jew fejn ir-responsabbiltà għas-superviżjoni tkun kondiviża mal-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoordinaw il-ġbir tad-*data* bejniethom u jipprovdu lil xulxin id-*data* u l-informazzjoni meħtieġa biex jiżguraw li sett wieħed biss ta' *data* jinġabar u jiġi rrappurtat lill-EBA għal dak l-Istat Membru u li l-persuni individwali li jaqilgħu pagi għoljin ma jiġux inklużi diversi drabi fil-ġbir tad-*data*. Għandu jkun hemm biss sottomissjoni waħda tal-Anness I aggregat u sottomissjoni waħda tal-Anness II aggregat għal kull Stat Membru.

## 8. Sottomissjoni ta' *data* mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA

42. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu d-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin aggregata f'konformità mat-taqsima preċedenti lill-EBA sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

43. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li ma jkollhom jirrapportaw l-ebda *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin, għandhom jinfurmaw lill-EBA kif xieraq sal-15 ta' Lulju ta' kull sena permezz tal-għodda tal-IT użata għall-ġbir tad-*data*.

## 9. Il-kwalità tad-*data*

44. Id-ditti u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom proċessi u kontrolli xierqa stabbiliti biex jiżguraw li d-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin tiġi aggregata u pprovduta b'mod korrett.

45. Id-ditti u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-kompletezza u l-plawżibbiltà tad-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin ipprovduta, filwaqt li jqisu r-regoli ta' validazzjoni fl-Anness III. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw ukoll dawk il-kontrolli għad-*data* aggregata li għandha tiġi sottomessa lill-EBA.

46. Id-ditti u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-somma tas-subpożizzjonijiet tar-remunerazzjoni varjabbli u fissa tkun ugwali għat-total u li r-remunerazzjoni totali medja tal-persunal tkun konsistenti mal-kategorija ta' pagamenti magħżula.

47. F'konformità mar-rekwiżiti minimi applikabbli skont id-Direttiva (UE) 2013/36/UE u d-Direttiva (UE) 2019/2034, id-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin dwar l-arranġamenti ta' differiment u l-iżborż fl-istrumenti għandha tkun plawżibbli, wara t-tnaqqis tal-ammonti mogħtija lil persuni li jaqilgħu pagi għoljin li huma persunal identifikat li jibbenefika minn derogi u minn persuni li jaqilgħu pagi għoljin li ma humiex persunal identifikat.

48. Għall-istituzzjonijiet, il-proporzjon bejn ir-remunerazzjoni varjabbli u fissa għal persuni li jaqilgħu pagi għoljin li huma persunal identifikat għandu jkun inqas minn 100 % (200 % bl-approvazzjoni tal-azzjonisti), wara t-tnaqqis tal-ammonti mogħtija bħala paga għat-terminazzjoni tal-impjieg jew remunerazzjoni varjabbli garantita li ma tqisux għall-kalkolu tal-proporzjon u l-ammonti mogħtija lil persuni li jaqilgħu pagi għoljin fi ħdan ditti li japplikaw qafas ta' remunerazzjoni speċifiku.

49. Meta jivverifikaw il-kompletezza tad-*data* tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu, b'mod partikolari, id-daqs u l-għadd ta' persunal tad-ditti u l-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin ipprovduti fil-passat.

50. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kontrolli ta' plawżibbiltà biex jikkonfermaw li d-ditti li jridu jipprovdu *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin fil-fatt ipprovdewha f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida. B'mod partikolari, meta l-awtoritajiet kompetenti ma jirċevux *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin minn ditti li jkunu ppreżentaw tali *data* qabel, dawn għandhom jikkuntattjaw lid-ditti biex jirċievu konferma tal-fatt li ma kellha tiġi rrappurtata l-ebda persuna li taqla' paga għolja. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jsegwu wkoll il-bidliet materjali fl-għadd ta' persuni rrappurtati li jaqilgħu pagi għoljin.

51. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu konxji mill-iżviluppi li materjalment żiedu jew naqqsu l-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin, huma għandhom jinformaw lill-EBA bir-raġuni sottostanti.

52. Għad-*data* sottomessa li turi kwistjonijiet potenzjali dwar il-kwalità tad-*data*, l-EBA tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw id-*data* u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-interpretazzjoni korretta tagħha.

53. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu *data* kkoreġuta jew spjegazzjonijiet għal kwalunkwe *data* plawżibbli mill-aktar fis possibbli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-EBA biex jiżguraw li s-sett tad-*data* għall-analiżi jkun stabbli u ta' kwalità tajba sat-30 ta' Settembru.

54. Meta jissottomettu *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin lill-EBA f'konformità ma' dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li dawn jikkonformaw ukoll ma' EBA/DC/335 tal-5 ta' Ġunju 2020 dwar l-Infrastruttura Ċentralizzata Ewropea għad-*Data* Superviżorja (EUCLID) ("Deċiżjoni EUCLID")[5] kif emendata u li jipprovdu lill-istituzzjonijiet u lid-ditti tal-investiment kwalunkwe speċifikazzjoni teknika meħtieġa għall-konformità kontinwa mad-Deċiżjoni EUCLID.

[5] https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/Risk%20Analysis%20and%20Data/Reporting%20by%20Authorities/885459/Decision%20on%20the%20European%20Centralised%20Infrastructure%20of%20Data%20%28EUCLID%29.pdf

# ANNESS I – Informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin skont id-Direttiva 2013/36/UE[1]

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Isem l-istituzzjoni/id-ditta tal-investiment/grupp li tapplika t-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE:** | Isem | | | | | | | | |
| | | **L-Istat tal-UE/taż-ŻEE li miegħu hija relatata d-*data*:** | Kodiċi tal-pajjiż | | | | | | | | |
| | | **Is-sena finanzjarja li għaliha tingħata r-remunerazzjoni (sena N):** | Sena | | | | | | | | |
| | | **Kategorija ta' pagamenti (EUR 1 miljun sa inqas minn EUR 2 miljun; EUR 2 miljun sa inqas minn 3 miljun; eċċ.):** | Ammont ta' kategorija ta' pagamenti | | | | | | | | |
| **ringiela** | **Referenza għall-ITS** | **Funzjoni / Il-qasam ta' negozju**<br>**Informazzjoni dwar persuni li jaqilgħu pagi għoljin** | **Funzjoni Superviżorja tal-MB** | **Funzjoni Maniġerjali tal-MB** | **Bank tal-investiment** | **Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur** | **Ġestjoni tal-assi** | **Funzjonijiet korporattivi** | **Funzjonijiet ta' kontroll indipendenti** | **Il-persuni l-oħrajn kollha li jaqilgħu pagi għoljin** | **Il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin fid-ditti tal-investiment li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034** |
| 1 | | **L-għadd ta' individwi fil-maniġment superjuri** | | | | | | | | | |
| 2 | | **L-għadd ta' individwi** | | | | | | | | | |

[1] L-istruzzjonijiet speċifikati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 (ITS dwar id-divulgazzjoni) għandhom jiġu applikati b'analoġija fir-rigward tar-ringieli f'dan il-mudell.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **f'funzjonijiet ta' kontroll** | | | | | | | | | |
| 3 | | **L-għadd ta' membri tal-persunal oħrajn** | | | | | | | | | |
| 4 | | **L-għadd totali ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin** | | | | | | | | | |
| 4a | | **Li minnhom: L-għadd ta' rġiel li jaqilgħu pagi għoljin** | | | | | | | | | |
| 4b | | Li minnhom: L-għadd ta' nisa li jaqilgħu pagi għoljin | | | | | | | | | |
| 4c | | Li minnhom: L-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin li għandhom ġeneru differenti mill-ġeneru maskili jew femminili | | | | | | | | | |
| 5 | | Li minnhom: "persunal identifikat"<br>(inklużi fir-ringiela 4) | | | | | | | | | |
| 5a | | Li minnhom: L-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin (inkluż fir- | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | ringiela 4) f'sussidjarji li huma soġġetti għal qafas ta' remunerazzjoni speċifiku skont atti legali oħrajn tal-unjoni f'konformità mal-Artikolu 109(4) tad-Direttiva 2013/36/UE | | | | | | | | | |
| 6 | REM1 Ringiela 2 | **Remunerazzjoni fissa totali tal-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin (f'EUR)** | | | | | | | | | |
| 7 | REM 1 Ringiela 3 | Li minnhom: ibbażati fuq flus kontanti | | | | | | | | | |
| 8 | REM 1 Ringiela EU-4 a | Li minnhom: ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti | | | | | | | | | |
| 9 | REM 1 Ringiela 5 | Li minnhom: strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus | | | | | | | | | |
| 10 | REM 1 Ringiela EU-5x | Li minnhom: strumenti oħrajn | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | REM 1 Ringiela 7 | Li minnhom: forom oħrajn | | | | | | | | | |
| 12 | REM 1 Ringiela 10 | **Remunerazzjoni varjabbli totali tal-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin (f'EUR)** | | | | | | | | | |
| 13 | REM 1 Ringiela 11 | Li minnhom: ibbażati fuq flus kontanti | | | | | | | | | |
| 14 | REM 1 Ringiela 12 | Li minnhom: differiti | | | | | | | | | |
| 15 | REM 1 Ringiela 13a | Li minnhom: ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti | | | | | | | | | |
| 16 | REM 1 Ringiela 14a | Li minnhom: differiti | | | | | | | | | |
| 17 | REM 1 Ringiela 13b | Li minnhom: strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus | | | | | | | | | |
| 18 | REM 1 Ringiela 14b | Li minnhom: differiti | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | REM 1<br>Ringiela 14x | Li minnhom: strumenti oħrajn | | | | | | | | | |
| 20 | REM 1<br>Ringiela 14y | Li minnhom: differiti | | | | | | | | | |
| 21 | REM 1<br>Ringiela 15 | Li minnhom: forom oħrajn | | | | | | | | | |
| 22 | REM 1<br>Ringiela 16 | Li minnhom: differiti | | | | | | | | | |
| | **Referenza għall-ITS** | **Informazzjoni addizzjonali dwar il-pożizzjonijiet ta' hawn fuq (l-ammonti kollha ta' hawn taħt għandhom jiġu inklużi wkoll fir-remunerazzjoni varjabbli totali jew fir-remunerazzjoni fissa totali rispettivament)** | | | | | | | | | |
| 23 | REM 2<br>Ringiela 1 | Għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti – għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin | | | | | | | | | |
| 24 | REM 2<br>Ringiela 2 | Għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti – Ammont totali | | | | | | | | | |
| 24a | REM 2<br>Ringiela 3 | Li minnhom: għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti, mogħtija lil persunal identifikat għas-sena finanzjarja, li ma | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | jitqisux fil-limitu massimu tal-bonus | | | | | | | | | |
| 25 | REM 2<br>Ringiela 6 | Pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul is-sena finanzjarja – Għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin | | | | | | | | | |
| 26 | REM 2<br>Ringiela 7 | Pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul is-sena finanzjarja – Ammont totali | | | | | | | | | |
| 26a | REM 2<br>Ringiela 10 | Li minnhom pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija għas-sena finanzjarja lill-persunal identifikat, li ma jitqisux fil-limitu massimu tal-bonus | | | | | | | | | |
| **27** | | L-għadd ta' benefiċjarji ta' kontribuzzjonijiet għall-benefiċċji tal-pensjonijiet diskrezzjonarji fis-sena N | | | | | | | | | |
| **28** | | L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet għal benefiċċji | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | diskrezzjonali tal-pensjoni fis-sena N[2] | | | | | | | | | |
| 29 | | L-ammont totali ta' remunerazzjoni varjabbli mogħtija għall-perjodi pluriennali skont il-programmi li ma jinbidlux kull sena | | | | | | | | | |
| 30 | | Għall-istituzzjonijiet li jibbenefikaw minn deroga fil-livell istituzzjonali<br>L-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin li jibbenefikaw mid-derogi skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE | | | | | | | | | |
| 31 | | Għall-istituzzjonijiet li jibbenefikaw minn deroga fil-livell istituzzjonali<br>Ir-remunerazzjoni varjabbli ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin individwali li huma persunal identifikat f'istituzzjonijiet li jibbenefikaw mid- | | | | | | | | | |

[2] Kif iddefinit fl-Artikolu 3(53) tad-Direttiva 2013/36/UE.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | derogi skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE | | | | | | | | | |
| 32 | | L-ammont totali ta' remunerazzjoni varjabbli tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin li ma humiex persunal identifikat | | | | | | | | | |
| 33 | | L-ammont totali ta' remunerazzjoni fissa tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin li ma humiex persunal identifikat | | | | | | | | | |

# ANNESS II – Informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni ta’ persuni li jaqilgħu pagi għoljin skont id-Direttiva (UE) 2019/2034[3]

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Isem id-ditta/il-grupp ta’ investiment:** | Isem (test liberu) | | | | | | | | |
| | | **L-Istat tal-UE/taż-ŻEE li miegħu hija relatata d-*data*:** | Jekk jogħġbok agħżel l-Istat Membru | | | | | | | | |
| | | **Is-sena finanzjarja li għaliha tingħata r-remunerazzjoni (sena n):** | Sena | | | | | | | | |
| | | **Kategorija ta’ pagamenti (EUR 1 miljun sa inqas minn EUR 2 miljun; EUR 2 miljun sa inqas minn 3 miljun; eċċ.):** | Jekk jogħġbok agħżel | | | | | | | | |
| **ringiela** | **Referenza għall-ITS** | **Funzjoni / Il-qasam ta’ negozju**<br>**Informazzjoni dwar persuni li jaqilgħu pagi għoljin** | **Funzjoni Superviżorja tal-MB** | **Funzjoni Maniġerjali tal-MB** | **Negozjar f’isimhom stess, sottoskrizzjoni u tqegħid ta’ strumenti** | **Parir dwar l-investiment, eżekuzzjoni tal-ordnijiet** | **Ġestjoni tal-portafoll** | **Operazzjoni tal-MTF/OTF** | **Funzjonijiet ta’ kontroll indipendenti** | **Il-persunal l-ieħor kollu** | |
| 1 | | **L-għadd ta’ individwi fil-maniġment superjuri** | | | | | | | | | |
| 2 | | **L-għadd ta’ individwi f’funzjonijiet ta’ kontroll** | | | | | | | | | |
| 3 | | **L-għadd ta’ membri tal-persunal oħrajn** | | | | | | | | | |
| 4 | | **L-għadd totali ta’ persuni li jaqilgħu pagi għoljin** | | | | | | | | | |

[3] L-istruzzjonijiet speċifikati fl-ITS dwar id-divulgazzjoni3, fir-rigward tar-ringieli fejn għandhom jiġu applikati r-referenzi għat-tabelli REM1 u REM2 ta’ dak l-ITS li huma inklużi fl-Anness II.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4a | | **Li minnhom: L-għadd ta' rġiel li jaqilgħu pagi għoljin** | | | | | | | | |
| 4b | | **Li minnhom: L-għadd ta' nisa li jaqilgħu pagi għoljin** | | | | | | | | |
| 4c | | **Li minnhom: L-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin li għandhom ġeneru differenti mill-ġeneru maskili jew femminili** | | | | | | | | |
| 5 | | **Li minnhom: "persunal identifikat" (inkluż fir-ringiela 4)** | | | | | | | | |
| 6 | REM1 Ringiela 2 | **Ir-remunerazzjoni fissa totali (f'EUR) fis-sena N tal-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin** | | | | | | | | |
| 7 | REM 1 Ringiela 3 | Li minnhom: ibbażati fuq flus kontanti | | | | | | | | |
| 8 | REM 1 Ringiela EU-4 a | Li minnhom: ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti | | | | | | | | |
| 9 | REM 1 | Li minnhom: strumenti marbuta mal-ishma jew | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ringiela 5 | strumenti ekwivalenti mhux fi flus | | | | | | | | |
| 10 | | Li minnhom: tipi oħrajn ta' strumenti skont l-Artikolu 32(1)(j)(iii) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 | | | | | | | | |
| 10a | | Li minnhom: strumenti mhux fi flus li jirriflettu l-istrumenti tal-portafolli ġestiti | | | | | | | | |
| 10b | | Li minnhom: arranġamenti alternattivi approvati | | | | | | | | |
| 11 | REM 1 Ringiela 7 | Li minnhom: forom oħrajn | | | | | | | | |
| 12 | REM 1 Ringiela 10 | **Ir-remunerazzjoni varjabbli totali (f'EUR) fis-sena N tal-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin** | | | | | | | | |
| 13 | REM 1 Ringiela 11 | Li minnhom: ibbażati fuq flus kontanti | | | | | | | | |
| 14 | REM 1 Ringiela 12 | Li minnhom: differiti | | | | | | | | |
| 15 | REM 1 | Li minnhom: ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ringiela 13a | | | | | | | | | |
| 16 | REM 1 Ringiela 14a | Li minnhom: differiti | | | | | | | | |
| 17 | REM 1 Ringiela 13b | Li minnhom: strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus | | | | | | | | |
| 18 | REM 1 Ringiela 14b | Li minnhom: differiti | | | | | | | | |
| 19 | REM 1 Ringiela 14x | Li minnhom: tipi oħrajn ta' strumenti skont l-Artikolu 32(1)(j)(iii) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 | | | | | | | | |
| 20 | REM 1 Ringiela 14y | Li minnhom: differiti | | | | | | | | |
| 20a | | Li minnhom: strumenti mhux fi flus li jirriflettu l-istrumenti tal-portafolli ġestiti | | | | | | | | |
| 20b | | Li minnhom: differiti | | | | | | | | |
| 20c | | Li minnhom: arranġamenti alternattivi approvati | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20d | | Li minnhom: differiti | | | | | | | | |
| 21 | REM 1 Ringiela 15 | Li minnhom: forom oħrajn | | | | | | | | |
| 22 | REM 1 Ringiela 16 | Li minnhom: differiti | | | | | | | | |
| | | **Informazzjoni addizzjonali dwar il-pożizzjonijiet ta' hawn fuq (l-ammonti kollha ta' hawn taħt għandhom jiġu inklużi wkoll fir-remunerazzjoni varjabbli totali)** | | | | | | | | |
| 23 | REM 2 Ringiela 1 | Għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti – għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin | | | | | | | | |
| 24 | REM 2 Ringiela 2 | Għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti – Ammont totali | | | | | | | | |
| 25 | REM 2 Ringiela 6 | Pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul is-sena finanzjarja – Għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin | | | | | | | | |
| 26 | REM 2 Ringiela 7 | Pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul is-sena finanzjarja – Ammont totali | | | | | | | | |
| 27 | | L-għadd ta' benefiċjarji ta' kontribuzzjonijiet għall- | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | benefiċċji tal-pensjonijiet diskrezzjonarji fis-sena N | | | | | | | | |
| 28 | | L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet għal benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni fis-sena N | | | | | | | | |
| 29 | | L-ammont totali ta' remunerazzjoni varjabbli mogħtija għall-perjodi pluriennali fir-rigward tal-programmi li ma jinbidlux kull sena | | | | | | | | |
| 30 | | Għad-ditti tal-investiment li jibbenefikaw minn deroga fil-livell istituzzjonali<br>L-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin li jibbenefikaw mid-derogi skont l-Artikolu 32(4)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 | | | | | | | | |
| 31 | | Għad-ditti tal-investiment li jibbenefikaw minn deroga fil-livell istituzzjonali<br>Din hija r-remunerazzjoni varjabbli tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin li huma persunal identifikat, meta d-ditta tal-investiment tkun qed tibbenefika mid-derogi skont l-Artikolu 32(4)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 | | | | | | | | |
| 32 | | L-ammont totali ta' remunerazzjoni varjabbli tal- | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | persuni li jaqilgħu pagi għoljin li ma humiex persunal identifikat | | | | | | | | |
| 33 | | L-ammont totali ta' remunerazzjoni fissa tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin li ma humiex persunal identifikat | | | | | | | | |

## ANNESS III – Kontrolli tal-kwalità tad-*data*

L-istituzzjonijiet, id-ditti tal-investiment u l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-kontrolli tal-kwalità tad-*data* li ġejjin, kif applikabbli, għall-ANNESS I u għall-ANNESS II.

| **Ringiela** | **Kontroll tal-kwalità tad-*data*** |
|---|---|
| 1 sa 5 | L-għadd ta’ persunal irrappurtat għandu jkun numri sħaħ. |
| 4 | In-numru fir-ringiela 4 għandu jkun daqs is-somma tar-ringieli 1 sa 3 |
| 4a, 4b, 4c | Is-somma tal-valur fir-ringieli 4a, 4b u 4c għandha tkun daqs in-numru fir-ringiela 4 |
| 5 | In-numru fir-ringiela 5 għandu jkun inqas jew daqs in-numru fir-ringiela 4 |
| 6 | Ir-remunerazzjoni fissa totali għandha tkun is-somma tar-ringieli 7 sa 11 |
| 12 | Ir-remunerazzjoni varjabbli totali għandha tkun is-somma tar-ringieli 13, 15, 17, 19, 21 fl-Anness I; u għall-Anness II, is-somma tar-ringieli 13, 15, 17, 19, 20a, 20c, 21 |
| 12 | Ir-remunerazzjoni varjabbli totali ma għandhiex tkun inqas mir-ringieli tas-somma 24, 26, 28 u 29 |
| 12 | Is-somma tar-remunerazzjoni differita fir-ringieli 14, 16, 18, 20, 22 tal-Anness I u għall-Anness II fir-ringieli 14, 16, 18, 20, 20b, 20d, 22 ma għandhiex tkun akbar mill-valur fir-ringiela 12 |
| - | Korrettezza tal-medda ta’ pagamenti magħżula: Għal kull qasam ta’ negozju, is-somma tar-remunerazzjoni fissa (ir-ringiela 6) u r-remunerazzjoni varjabbli (ir-ringiela 12) diviża bl-għadd ta’ persuni li jaqilgħu pagi għoljin (ir-ringiela 4) għandha tirriżulta f’valur li jkun fil-medda ta’ pagamenti magħżula. |
| - | Proporzjon ta’ remunerazzjoni differita: Is-somma tar-remunerazzjoni differita fir-ringieli 14, 16, 18, 20, 22 tal-Anness I; u għall-Anness II, fir-ringieli 14, 16, 18, 20, 20 b, 20 d, 22 wara t-tnaqqis tal-valuri fir-ringieli 24, 26, 31 u 32 għandha tkun 0.4 darbiet il-valur fir-ringiela 12 wara t-tnaqqis tal-valur fir-ringiela 32, jew ogħla.<br><br>L-istituzzjonijiet u d-ditti tal-investiment għandhom iqisu li din ir-regola ta’ validazzjoni simplifikata hija għal finijiet ta’ valutazzjoni komparattiva biss u ma tkunx validazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta’ remunerazzjoni fuq |

| | |
|---|---|
| | remunerazzjoni varjabbli garantita u pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg, jiġifieri filwaqt li jitnaqqsu l-ammonti sħaħ, partijiet mill-ammonti huma possibbilment soġġetti għar-rekwiżit li jitħallsu partijiet mir-remunerazzjoni varjabbli skont l-arranġamenti ta' differiment.<br><br>Din ir-regola ta' validazzjoni ma tapplikax għall-istituzzjonijiet u għad-ditti tal-investiment fejn il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin jibbenefikaw mid-deroga għar-rekwiżit li jħallsu partijiet mir-remunerazzjoni varjabbli skont l-arranġamenti ta' differiment skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 32(4)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. |
| - | Żborż fl-istrumenti: Is-somma tar-ringieli 15, 17 u 19 tal-Anness I u 15, 17, 19, 20a u 20c tal-Anness II wara li jitnaqqsu l-valuri fir-ringieli 24, 26, 31 u 32 għandha tkun 0.5 darbiet il-valur fir-ringiela 12 wara t-tnaqqis tal-valuri fir-ringieli 31 u 32, jew ogħla.<br><br>L-istituzzjonijiet u d-ditti tal-investiment għandhom iqisu li din ir-regola ta' validazzjoni simplifikata hija għal finijiet ta' valutazzjoni komparattiva biss u ma tkunx validazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni fuq remunerazzjoni varjabbli garantita u pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg, jiġifieri filwaqt li jitnaqqsu l-ammonti sħaħ, partijiet mill-ammonti huma possibbilment soġġetti għar-rekwiżit li jitħallsu partijiet mir-remunerazzjoni varjabbli fl-istrumenti.<br><br>Din ir-regola ta' validazzjoni ma tapplikax għall-istituzzjonijiet u għad-ditti tal-investiment li fihom il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin jibbenefikaw mid-deroga, ir-rekwiżit li jitħallsu partijiet mir-remunerazzjoni varjabbli fi strumenti skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 32(4)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. |
| | Proporzjon bejn ir-remunerazzjoni varjabbli u fissa fl-istituzzjonijiet: Għall-persunal identifikat fl-istituzzjonijiet (Anness I), ir-remunerazzjoni varjabbli fir-ringiela 12 wara t-tnaqqis tal-valuri fir-ringieli 24, 26a u 32 diviża bir-remunerazzjoni fissa fir-ringiela 6 wara t-tnaqqis tal-valur fir-ringiela 33 għandha tkun, kif applikabbli, fil-livell ta' 100 % jew inqas jew 200 %. Din ir-regola ta' validazzjoni ma tapplikax għall-qasam tan-negozju "Il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin f'sussidjarji li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034". |
| Għall-istituzzjonijiet li jissottomettu *data* konsolidata | F'kull ringiela tal-Anness II, is-somma tan-numri għandha tkun daqs in-numru rispettiv fil-kolonna "Il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin fid-ditti tal-investiment li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034". |

# ANNESS IV – Ħarsa ġenerali lejn is-sottomissjonijiet tad-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin

| **Sottomissjoni tad-*data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin dwar l-ogħla livell ta' konsolidazzjoni (bażi konsolidata)** | | |
|---|---|---|
| **Sottomittenti** | **Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa** | |
| | **Anness I** | **Anness II** |
| Istituzzjoni omm tal-UE, il-kumpanija azzjonarja finanzjarja omm tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta omm tal-UE<br><br>Fejn japplika l-Artikolu 1(2) jew (5) u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/2033:<br><br>ditta ta' investiment omm tal-UE, kumpanija azzjonarja ta' investiment omm tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta omm tal-UE. | ***Data* fuq bażi konsolidata**, inklużi l-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin f'entitajiet fi ħdan il-konsolidazzjoni prudenzjali allokata għall-funzjoni jew għall-qasam tan-negozju applikabbli.<br><br>Fil-kolonna "Il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin f'ditti tal-investiment li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034" tal-Anness I, inkluż il-persunal f'ditti tal-investiment li huwa soġġett għall-Artikolu 109(5) jew (6) tad-Direttiva (UE) 2013/36, hija inkluża *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin f'ditti tal-investiment subordinati (**bażi individwali**) li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034. | ***Data* dwar** il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin f'ditti tal-investiment (**bażi individwali**) li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, allokati għall-funzjoni jew għall-qasam tan-negozju applikabbli.<br><br>(Is-somma tad-*data* fl-Anness II għandha tkun daqs id-*data* pprovduta fl-Anness I, il-kolonna "Il-persuni kollha li jaqilgħu pagi għoljin fid-ditti tal-investiment li huma soġġetti għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034") |
| Ditta ta' investiment omm tal-UE, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment omm tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta omm tal-UE (l-Artikolu 1(2) jew (5) tar-Regolament (UE) 2019/2033 ma japplikax) soġġetta għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 u mhux inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni ta' istituzzjoni omm tal-UE, il-kumpanija azzjonarja finanzjarja omm tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta omm tal-UE | Mhux applikabbli | *Data* fuq il-bażi konsolidata |
| **Sottomissjoni ta' *data* dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin fuq bażi individwali (f'każ biss li fih l-istituzzjoni/id-ditta tal-investiment ma tkunx inkluża fid-*data* konsolidata tal-UE)** | | |
| Istituzzjoni u | Anness I: **bażi individwali** | Mhux applikabbli |

| | | |
|---|---|---|
| Ditta tal-investiment, fejn japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033 | | |
| Id-ditta tal-investiment (l-Artikolu 1(2) u (5) tal-IFR ma japplikax) li hija soġġetta għall-Artikoli 25 u 34 tad-Direttiva (UE) 2019/2034. | Mhux applikabbli | Anness II: **bażi individwali** |